MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 3/2011

**Khalil Rezk Gadalla Khalil**

**-vs-**

1. **L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali;**
2. **il-Ministru tal-Affarijiet Barranin,**
3. **il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern,**
4. **il-Kummissarju tal-Pulizija,**

**5. u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali preżentat mir-rikorrent Khalil Rezk Gadalla Khalil fil-15 ta' Frar 2011 fejn ġie premess:

Illi l-esponenti, persuna ta' nazzjonalita' Eġizzjana, ilu jgħix b'mod permanenti f'Malta sa mis-sena 1998, fejn huwa dejjem ġie konċess il-visa relattiva sabiex huwa jkun jista' jirrisjedi b'mod permanenti fil-gżejjer Maltin;

Illi effettivament l-esponenti ġie anke konċess diversi permessi tax-xogħol, mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, referenzi ETC/ELU/21510/61107, ETC/ELU/37934/61107, u ETC/ELU/59763/61107 (kopji hawn annessi u mmarkati bħala Dokument 'A';

Illi l-esponenti għandu rabtiet sodi ma' dawn il-gżejjer, u għandu wkoll familjari tiegħu li jgħixu f'Malta, fosthom ħuh Khalel Ibrahim Gad Alla Rezk Gad Alla, detentur tal-karta tal-identita' numru 33103L, li huwa miżżewweġ ċittadina Maltija, Maria Bernarda Gad Alla Rezk Khalel;

Illi l-esponenti jokkupa wkoll kariga fil-kumpanija Rocky & Co Limited (C 36840), liema kumpanija hija reġistrata ma' l-Awtorita' ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji, u għalhekk għandu wkoll

interess finanzjarju f'pajjiżna, liema kariga huwa ilu jokkupa sa mis-sena 2006;

Illi l-esponenti huwa persuna ta' karattru tajjeb. Għandu kondotta netta u qatt ma kellu problemi mal-Ġustizzja;

Illi riċentement, l-esponenti ġie nfurmat li mhux ser jingħata permess sabiex ikompli jirrisjedi f'dawn il-Gżejjer, u ġie nfurmat li l-permess sabiex jirrisjedi f'dawn il-Gżejjer mhux ser jiġi estiż *oltre* l-15 ta' Frar 2011;

Illi l-esponenti għandu rabtiet sodi ma' dawn il-Gżejjer, fosthom il-familjari tiegħu, li jgħixu b'mod permanenti f'Malta;

Illi *inoltre*, in vista tal-fatt li l-esponenti ilu jirrisjedi b'mod permanenti f'dawn il-Gżejjer sa mis-sena 1998, għandu jiġi applikat l-Avviż Legali 278 tal-2006, li applika d-Direttiva 109 tal-Kunsill tal-Ewropa, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea;

Illi *ai termini* tal-Avviż Legali hawn ċitat, l-esponenti għandu jingħata permess ta' residenza fit-tul, liema permess qiegħed ikun imċaħħad minnu mingħajr ebda raġuni valida, u mhux qiegħed jingħata aċċess fid-determinazzjoni ta' din id-deċiżjoni;

Illi fil-fehma tal-esponent dan l-istat ta' fatt huwa leżiv għal Artikolu 6, kif ukoll għal Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u wkoll tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan peress li r-

rikorrenti qiegħed ikun imċaħħad milli jingħata permess sabiex jirrisjedi f'dawn il-Gżejjer mingħajr ebda raġuni valida, u mhux qiegħed jingħata aċċess fid-determinazzjoni ta' din id-deċiżjoni;

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti, umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi bil-fatti hawn esposti, ir-rikorrenti sofra vjolazzjoni tad-dritt tiegħu kif protetti fl-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Artikolu 39 li jipproteġi l-istess drittijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tagħtih ir-rimedji kollha xierqa u opportuni f'dan ir-rigward;

2. Tordna lill-intimat Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates sabiex jinħareġ permess ta' residenza fit-tul *ai termini* tal-Avviż Legali 278 tal-2006, li applika d-Direttiva 109 tal-Kunsill tal-Ewropa;

3. Tagħti r-rimedju effettiv u opportun fiċ-ċirkostanzi u kumpens prekunjarju, jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, il-Kummissarju tal-Pulizija, u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* ippreżentata fit-28 ta' Frar 2011 li permezz tagħha eċċepew:

Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti fir-rikors promutur huma fis-sens illi n-nuqqas ta' ħruġ ta' permess ta' residenza f'Malta allegatament jivvjola d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament l-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

1. Illi *in linea* preliminari, ir-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali *stante* illi huwa qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħalma hija l-proċedura odjerna meta kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Infatti, ir-rikorrenti għandu a dispożizzjoni tiegħu l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjaru *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. *Di piu'* għal dak li jirrigwarda l-*long term residence status*, ir-rikorrenti lanqas biss intavola applikazzjoni ma' l-awtoritajiet u *del resto* f'każ li applikazzjoni għal *long term residence status* tiġi miċħuda, ir-rikorrenti jkollu rimedju fil-forma ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni. Għalhekk, l-esponenti jirreferu għall-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, il-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-leġittimi kontradittituri, u dan *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-

Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta *stante* li l-għoti ta’ permessi ta’ residenza ma jaqax fil-mansjonijiet tagħhom.

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, kull allegazzjoni relattiva għal kisba ta’ *long term residence status* f’Malta hija intempestiva, u dan peress illi r-rikorrenti lanqas issottometta applikazzjoni ma’ l-awtoritajiet kompetenti sabiex jikseb tali *status*.

Illi l-aġir tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrent huwa wieħed għal kollox leġittimu. Id-deċiżjoni meħuda hija waħda fit-terminu tal-liġijiet viġenti, u dan tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti dejjem irrisjeda b’mod temporanju f’Malta.

**Ebda Ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Aritkolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**

Illi *in linea* preliminari dawn l-Artikoli mhux applikabbli *stante* li materja li tirrigwarda għoti jew tneħħija ta’ permess ta’ residenza hija kwistjoni ta’ dritt pubbliku u għalhekk ma tikkwalifikax bħala *‘dritt jew obbligu ċivili’* għall-finijiet tal-istess Artikoli kif jirriżulta ampjament mill-ġurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi *in linea* preliminari dawn l-Artikoli huma wkoll inapplikabbli *stante* illi dawn l-artikoli jirreferu għall-proċeduri li jkunu ġja’ nbdew quddiem l-awtorita’ ġudizzjarja kompetenti u ma jirreferux għall-istadju amministrattiv tal-ipprċcessar ta’ applikazzjonijiet.

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost fi kwalunkwe każ, l-esponenti ma jistgħu jitqiesu li kisru ebda dritt għal smiegħ xieraq tar-rikorrenti. Il-fatt illi ġiet miċħuda l-applikazzjoni tar-rikorrenti għal permess ta' residenza f'Malta ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet fundamentali.

Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu u fil-konfront tal-esponenti għandu jiġi enfasiżżat li l-esponenti jista' joħroġ permess ta' residenza kif qed jippretendi r-rikorrenti ġialadarba jkun ħareġ permess tax-xogħol da parti tal-Korporazzjoni kompetenti.

Il-fatt illi r-rikorrenti kien ingħata permess temporanju ta' residenza bl-ebda mod ma jwieżen favur it-teżi tar-rikorrent, u dan peress illi l-Istat għandu diskrezzjoni totali f'dawn il-kwistjonijiet.

Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

**Ebda ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jeċċepixxu l-inapplikabilita' tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni in kwantu mhux talli m'hemm ebda vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja, talli fid-dawl tas-suespost l-Artikolu tal-Konvenzjoni ċitat tar-rikorrenti mhux applikabbli għall-każ odjern.

Illi *di piu'*, ir-rikorrenti qiegħed jallega b'mod vag il-vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni mingħajr ma jindika jew ressaq ebda llegazzjoni jew ilment f'dan is-sens.

L-esponenti jissottometti illi l-Qrati nostrali għandhom kemm ġurisdizzjoni f'kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju kif ukoll ġurisdizzjoni residwali li ċertament huwa ta' rimedju effettiv.

Għalhekk ma hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti;

Rat l-atti proċesswali kompriż l-affidavit tar-rikorrenti.

Semgħet il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjoni hija dik li l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-Artiklu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 u l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, *stante* li r-rikorrenti qed jadopera proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Ikun allura prattiku li l-Qorti teżamina l-ewwel din l-eċċezzjoni.

Illi din l-eċċezzjonijiet qed issir peress li r-rikorrent, qiegħed jallega li ġew lesi d-drittjiet kostituzzjonali tiegħu *ai termini* tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikli 6 u 13 tal-Kap. 319, peress li ġie miċħud lilu *d-dritt li jgħix f'Malta fit-tul*. Peress li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri mingħajr effettivament talab dan il-permess, l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors *ai termini* tal-proviso wara l-artikolu 46 (2) tal-kostituzzjoni u dak 4 (2) tal-Kap. 319.

Illi l-proviso ndikat mill-intimati jgħid eżattament hekk: *"... iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra."* (**46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 jgħidu l-istess ħaġa).**

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

a. *Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għal organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

b. *Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' Ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

c. *Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

d. *Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

e. *Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi il-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

f. *Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit-8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li: *"... meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħr azzjoni."* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *komplessa* jiżdied il-kliem *"jew inkella imħallta".*

Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrenti indubbjament kellu r-rimedju legali oħra disponibbli għalih u huwa għażel li ma jagħmilx dan. Infatti huwa ddikjara li ma setax jagħmel din it-talba għaliex ma ġietx imġedda l-***visa*** tiegħu (fol 12). Madankollu l-Qorti ma tarax ness bejn dan il-fatt u l-applikazzjoni relattiva.

Illi l-Qorti jidhrilha allura li l-eċċezzjoni fil-każ in kwistjoni hija fondata u għandha tiġi akkolta. Fil-kawża fl-ismijiet **"Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et"** (deċiża mill-Prim Awla Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2010 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April 2011) ġie dikjarat illi:

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi,*

*qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali."*

Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"** deċiża fid-9 ta'Novembru 2012, **"John Mary Abela vs Policy Manager tal-Malta Shipyards"**, **"Joseph Attard vs Policy Manager Malta Shipyards"**, **"Joseph Brincat vs Policy Manager Malta Shipyards"** u **"Carmel Cachia vs Policy Manager Malta Shipyards"**, kollha deċiżi mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April 2011; kif ukoll u ferm aktar rilevanti għal din il-kawża s-sentenza tal-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **"Wakil Mohammd Samir vs L-Onorevoli Prim Ministru"** deċiża fl-14 ta' Frar 2011.

Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu nvokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li *'kienu disponibbli'* u allura anke jekk kien hemm mezzi li *'kienu disponibbli'* għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-gurisdizzjoni tagħha. F'dan il-każ jidher addirittura li dan ir-rimedju għadu disponibbli. Għalhekk f'dan il-każ ċertament *"il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu investigati meta lanqas biss ipprova juża l-mezzi disponibbli għalih."* Ara s-sentenza **"John Grech vs Prim Ministru"** deċiża mill-Prim Awla fid-29 ta' April 2013.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motiviil-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni msemmija tal-intimati u tirrifjuta li teżerċita s-setgħet**

**tagħha *ai termini* tal-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 u 46 (2) tal-Kostituzzjoni.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------